# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum, 23 ta' Awissu 2001**

**Citaz.  numru:  1641/99 M3 NA**

**Carmen Seisun**

**vs**

**Joseph Seisun**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors ta' l-attrici tas-7 ta' Ottubru 1999 fejn titlob, ghar-ragunijiet hemm moghtija, illi l-konvenut zewgha jigi ordnat *pendente lite* jizgombra mid-dar matrimonjali sabiex tkun tista' tghix fiha hija w it-tfal minuri tal-kontendenti.

Fir-risposta tieghu tal-15 ta' Frar 2000 il-konvenut jitlob li t-talbiet attrici jigu michuda u dana ghar-ragunijiet hemm moghtija fosthom li kienet hi li telqet mid-dar matrimonjali minghajr raguni u li, fil-waqt li hija kellha fejn tghix, huwa ma kellux residenza alternattiva.

Ir-rikors gie appuntat ghat-2 ta' Gunju 2000 fejn fuq talba ta' l-Avukati rispettivi gie differit ghall-4 ta' Lulju 2000. F'din is-seduta xehdu PS368 Stephen Monreal li esebixxa zewg rapporti maghmulha fid-Distrett u ddatati 6 ta' Marzu u 16 ta' Lulju 1999. Xehed ukoll Dominic Cassar, hu l-attrici, li kien prezenti f'wiehed mill-incidenti. Fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2000 invece xehdet b'mod estensiv l-attrici u Daniela Seisun, it-tifla tal-kontendenti f'dik id-data gia' maggorenni. Il-kontro-ezami ta' l-attrici sar fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2001 fejn iddikjarat li ma kellhiex aktar provi. Xehed ukoll l-attur li ddikjara li hlief ghal xi provi dokumentarji u hlief li ried jipproduci kopja ta' l-affidavit li huwa kien ipprezenta fl-atti tal-kawza, huwa wkoll ma kellux aktar provi. Effettivament b'nota tas-17 ta' Jannar 2001 gie pprezentat kopja ta' dan l-affidavit u ta diversi dokumenti ohra, fosthom kopja tar-rikors li gie pprezentat fis-Sekond'Awla u kopja ta' xi ittri li gew skambjati bejn id-difensuri tal-partijiet. Ir-rikors kellu jigi finalment ittrattat f'diversi seduti quddiem il-Qorti fejn, ghal raguni jew ohra, gie differit. F'dawn ic-cirkostanzi meta fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2000 deher biss id-difensur ta' l-attrici/rikorrenti l-Qorti semghet it-trattazzjoni tieghu. Laqghet pero' talba maghmulha b'rikors tal-konvenut tal-5 ta' Gunju 2001 biex ikun jista' jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet li giet annessa

ma' l-istess rikors, u dan ukoll in vista tan-nuqqas ta' opposizzjoni tal-kontro-parti. Fakulta' moghtija lill-attrici li twiegeb ghal din in-nota ma gietx uzufruwita minnha u ghalhekk il-Qorti sejra taghti d-digriet kamerali a tenur tal-verbal tat-28 ta' Mejju 2001 u tad-digriet taghha tal-11 ta' Gunju 2001.

Ikkunsidrat:-

Illi fl-ewwel lok dak li jsir fit-trattattivi bil-ghan ta' ftehim bonarju ma ghandu jkun ta' pregudizzju ghall-ebda parti. Lanqas ma huwa daqstant rilevanti li l-attrici fiz-zmien tal-proceduri quddiem is-Sekond'Awla dehrilha li ma kenitx sejra taghmel it-talba ghall-izgumbrament ta' zewgha mid-dar matrimonjali. Il-fatt invece illi fic-citazzjoni tal-firda bejn il-partijiet din it-talba ma saritx mill-attrici hija ta' rilevanza partikolari. Minkejja illi ghaldaqstant din il-Qorti mhijiex b'daqshekk impeduta milli tordna l-mizuri kkontemplata fl-Artikolu 46 tal-Kodici Civili, ikun kontro-sens li tordna lill-konvenut *pendente lite* johrog mid-dar matrimonjali, meta ordni finali f'dan is-sens fis-sentenza ma tistax tinghata ghax tkun *ultra petita*.

Apparti minn dan il-punt tekniku pero' l-Qorti dehrilha li kellha wkoll tidhol fil-meritu tal-kaz odjern.

Huwa rikonoxxut fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi din il-mizuri li hija deskritta minn awturi Inglizi bhala wahda drakonjana m'ghandhiex tigi ordnata biss ghax f'kawza ta' separazzjoni personali hemm dizgwid u tensjoni bejn il-partijiet. Kull separazzjoni, minn natura taghha, iggib dawn l-effetti negattivi (ara f'dan il-kuntest "Chircop vs Chircop" - 6/11/97; u "Mallia vs Mallia" - 14/10/98, fost ohrajn). Ir-ragunijiet iridu jkunu ragunijiet verament serji lil hinn mill-gwaj u l-glied li fin-normalita' huma l-konsegwenza ta' kawza ta' din in-natura. Dan huwa partikolarment il-kaz fejn huwa accettat illi biex Qorti tasal ghal din l-ordni trid tikkunsidra l-interess tal-partijiet kollha u mhux biss dawk tal-minuri. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-interess tal-minuri jibqa' dejjem dak ta' l-aktar rilevanza minkejja illi lanqas dan il-principju ma huwa universalment accettat. "*In "Richards vs Richards" it was decided that none of the factors listed in the Matrimonial Houses Act Section 1 (3) including the needs of the children was to be accorded a priority or paramountancy over the others. (page 70 Family Law, Carol Crowdy - Second Edition).*" Huwa zgur pero' li l-interess tal-minuri mhuwiex l-

uniku interess u jridu jigu kunsidrati wkoll l-interessi l-ohra partikolarment ta' dik il-persuna li tkun sejra tigi zgumbrata u dana b'aktar sensibbilita' fejn dik il-persuna ma ghandhiex fond alternattiv fejn tabita (u f'dan il-kaz fejn, invece, il-parti l-ohra tkun qed tabita f'fond iehor).

Ikkunsidrat:-

Illi mill-fatti ta' dan il-kaz fil-waqt illi jirrizulta illi l-konvenut ma ghandux xi karattru partikolarment simpatiku u ghandu jbati parti kbira tal-htija ghall-falliment ta' dan iz-zwieg, mill-provi ma jirrizultax illi huwa xi bniedem vjolenti. L-unika kaz infatti ta' vjolenza li forsi rrizultat mill-provi huwa incident li gara wara li l-attrici kienet telqet mid-dar matrimonjali. Di piu' ma jirrizultawx ragunijiet ta' serjeta' tali li kellhom jinducu lill-attrici titlaq mid-dar u tmur tghix f'dar vojta li kienet precedentement mikrija lill-genituri taghha pero' li issa qieghdha f'isem ohtha Mary, li hija fizikament handikappata u li tiehu hsiebha l-attrici. Skond ix-xhieda ta' hu l-attrici hija biss l-attrici li tista' tiehu hsieb lil din Mary u fil-waqt li huwa minnu illi Mary ghamlet xi zmien tghix ma' l-attrici u ma' zewgha fid-dar matrimonjali l-Qorti ma tistax ma tissuspettax illi wahda mir-ragunijiet principali l-ghala l-attrici telqet mid-dar matrimonjali kienet

biex tissalvagwardja l-kirja tad-dar tal-genituri taghha.  Il-Qorti hija kkonfortata f'dan il-hsieb peress illi d-dar matrimonjali ma jirrizultax li kienet xi priorita' fis-separazzjoni ta' l-attrici minn ma' zewgha.  Apparti minn dak fuq mensjonat fil-bidu ta' dan id-digriet dan jemergi mix-xhieda ta' l-istess attrici fejn tidher li hija aktar ippreokkupata mill-qsim ta' l-oggetti god-dar matrimonjali milli fuq xi dritt fuq il-kirja ta' l-istess dar.  Mal-falliment pero' tan-negozjati ghal separazzjoni bonarja d-dar matrimonjali wkoll saret wahda mill-*issues*.

Fic-cirkostanzi u konsiderat l-osservazzjonijiet kollha ta' fatt u ta' dritt fuq maghmulha l-Qorti jidhrilha illi din it-talba attrici ghandha tigi michuda, salv id-dritt taghha li tirritorna fl-istess dar konjugali u salv illi dan il-fatt jigi wkoll ikkonsidrat fil-kwistjoni ta' l-alimenti bejn l-istess partijiet.

L-ispejjes huma rizervati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.